Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 442/2015

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ferris

Vs

Robert John Muscat

Illum 27 ta' Ottubru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Robert John Muscat detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 233470M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli f'Dicembru 2011 u xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel dikjarazzjoni falza lill-awtorita' pubblika;

2. Talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz lill-awtorita' pubblika (MEPA);

3. U aktar talli ghamel dikjarazzjoni ghal xi ghan ta' Att 504 tal-Ligijiet ta' Malta li kienet falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett importanti.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Settembru, 2015, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubr, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma il-liberatorja mill-ewwel akkuza kif migjuba kontra l-appellat, thassarha u tirrevokha s-sentenza appellata fil-biqja u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz kif ukoll il-ligi applikabbli ghaliha, issib lill-appellat hati tat-tieni u tat-tielet akkuzi kif migjuba kontrih u tipprosegwi sabiex tinfliggi l-piena xierqa u applikabbli skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta giet biex tillibera lill-appellat mill-akkuzi kollha migjuba kontrih, inter alia ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-proviipprezentati f'din il-procedura u pertinenti ghal kaz in kwistjoni, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi prelimiarjament u ghal kull buon fini jigi ddikjarat illi l-esponent appellanti Avukat Generali qed jintabvola dan l-appell fid-dawl tal-liberatorja tat-tieni u tat-tielet akkuzi filwaqt li mhux qed jikkontesta l-liberatorja mill-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellat.

Illi wara qari tal-provi kollha inkluz dawl tal-appellat, l-esponent ma tistax tifhem kif effettivament l-ewwel Qorti waslet sabiex tillibera lill-appellat mit-tieni u mit tielet akkuzi migjuba kontrih anki in konsiderazzjoni tal-fatt li prattikament dawn il-fatti gew ikkonfermati minnu stess. Tajjeb ghalhekk li ssir referenza ghall-provi prodotti sabiex din il-Qorti tkun f'posizzjoni tapprezza l-aggravji mqajjma mill-esponent f'dan ir-rikors.

Illi jekk induru sabiex naraw ix-xhieda li nstemghu waqt il-proceduri, skond ix-xhieda tal-Ispettur Ferris hu spjega li filwaqt illi l-appellat jdiher li kellu l-go-ahead tas-Sur Charles Scerri li kien wiehed mill-inkwilini tal-appartament, is-Sinjuri Camilleri effettivament qatt ma kienu taw il-kunsens taghhom sabiex issir l-applikazzjoni mertu ta' dawn il-proceduri ghan-nom taghhom bil-mod kif saret daparti tal-appellat. Kwindi ma jistax jigi sostnut l-argument li kien hemm ftehim tacitu essenzjalment peress li kien hemm nuqqas ta' qbil espress. Jidher ukoll mill-provi li l-qbil kien limitat ghall-fatt li l-appellat jivverifika ghan-nom taghhom x'permessi setghu jinhargu izda mhux li effettivament jaqbad u japplika minghajr ma jghidilhom dwar il-verifiki li kien ghamel.

Illi anki l-istqarrija tal-appellat jikkonfermaw li hu kien ben konsapevoli tal-fatt li hu ma kienx l-uniku propjetarju tal-bejt izda jistqarr li kien mexa' b'dak il-mod a bazi tal-kunsens tacitu tas-sidien kollha (skond hu). Di piu jidher car li kien fil-fatt hu li talab li ssir il-laqgha dwar il-meljoramenti mehtiega ghall-fond in kwistjoni anki bil-ghan li jiffranka fuq l-applikazzjoni tal-MEPA fid-dawl tal-fatt li t-tariffi kienu ser jizdiedu.

Illi b'referenza ghax-xhieda tas-sinjura Carmen Camilleri u s-Sur Emanuel Camilleri qua kwerelanti, jirrizulta ben car li skond l-applikazzjoni li kien ghamel l-appellat hu kien indika li kien is-sid tal-bejt kollu meta evidentement mix-xhieda ta' dawn ix-xhieda biss diga' jirrizulta b'mod car li dan ma kienx minnu. Kwindi effettivament l-appellat kien ghamel dikjarazzjoni falza fuq applikazzjoni tal-MEPA li hija awtorita' pubblika meta ddikjara f'dak is-sens. Dawn wara kollox huwa fatt mhux ikkontestat mill-istess Nutar li madankollu qed jipprotegi ruhu wara l-vesti tal-permezz tacitu li

madankollu ma jidhirx li kien il-kaz hawnhekk tenut kont tar-reazzjoni ta xi uhud mill-inkwilini ghad-dikjarazzjoni maghmula.

Illi inoltre dan il-fatt gie ani ppruvat mix-xhida ta' Oliver Magro li xehed ghan-nom u in rapprezentanza tal-MEPA li filfatt ikkonferma li l-appellat kien tefa' l-applikazzjoni sabiex jibni zewg penthouses fejn kien iddikjara b'mod cr li hu kien l-uniku sid tal-lok fir-rigward ta' liema kien applika u cioe' il-bejt in kwistjoni. Nafu wkoll minn dan ix-xhud li kienu dahhlu diversi ittri ta' oggezzjoni dwar din id-dikjarazzjoni senjatament dwar id-dikjarazzjoni ta' 'ownership' li kien ghamel appellat. Dan il-fatt wahdu juri bic-car yukoll li ma kien hemm b'ebda permezz tacitu jew oltre biex l-appellat imexxi bl-appliakzzjoni kif mexxa u partijkolarment ma kien inighata qatt il-permezz li jiddikjara li kien is-sid uniku tal-belt fejn kienu mitluba x-xogholijiet. Li kieku kien il-kaz dawn il-proceduri ma kienu qatt jittehdu kontrih.

Illi fir-rigward tax-xhieda ta' Charles Scerri, u a differenza tal-inkwilini tal-appartament ohra, jidher li dan ix-xhud kien iltaqa personalment mal-appellat li kien spjegali x'kienu l-intenzjonijiet tieghu u dwar li kien ser jitfa l-applikazzjoni fejn ix-xhud kien tah il-permess li jmexxi f'kull rigward. Dan ma jidhirx pero' li kien l-istess attegjament fir-rigward tas-sinjuri Camilleri li taw impressjoni differenti meta taw ix-xhieda taghhom. In oltre anki Charles Scerri jikkonferma li hu s-sid ta' kwart mill-blokka bl-access ghal fuq il-bejt u okkupazzjoni komuni tal-istess.

Illi interessanti jigi nnutat li mix-xhieda tal-appellat, kien l-appellat stess li sejjah ghall-laqgha fejn gie diskuss il-permessi biex jizviluppaw l-arja ta' fuq il-binja taghhom. In oltre l-appellat donnu jindika li ma kellux diffikuta jikkomunika ma Charles Scerri filwaqt li donnu jaghti x'jifhem li s-sinjuri Cmilleri kienu pjuttost difficli u li kien ghal dik ir-raguni li ma kkounikax maghhom. Dan il-fatt wahdu fl-umli fehma tal-esponent jikkonferma li effettivament l-appellat ma kellu l-ebda kunsens tacitu apparti l-fatt li jidher li l-go ahead waslet sal-verifici dwar x' permessi setghu jinhargu u mhux dwar applikazzjoni effettiva ghall-bini u iktar minn hekk zgur li ma kienx hemm il-hsieb li l-appellat jiddikjara ghan-nom ta' kulhadd li hu sid il-bejt kollu meta dan bhala fatt ma jirrizultax. Di piu l-esponent ma tistax tifhem id-

diffikulta' li kien ikollu l-appellat li kieku fid-dikjarazzjoni indika li hu ma kienx l-uniku sid. Xorta seta' japplika billi jiddikjara li hemm sidien ohrajn. In oltre l-iskuza illi ma kienx ser ittellifhom minn 'third party rights' ma tiggustifikax li hu ghamel tali dikjarazzjoni li kienet falza b'mod lampanti. Illi anki mix-xhieda tad-difiza Dr. Davinia Cutajar jidher illi l-go-ahead li kellu l-appellat mis-sinjuri Camilleri kien li jaghmel il-verifici mehtiega mal-Perit biex jara x'applikazzjonijiet jistghu jinhargu u fil-prezenza taghha ma kinitx saret follow-up meeting fir-rigward ta' dak li kien irrizulta.

Illi kwindi in konsiderazzjoni tal-provi kollha kif hawn fuq indikati u kif migjuba, jekk nibdew mit-tielet akkuza m'hemm assolutament l-ebda dubbju li l-akkuzat xjentement ghamel dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni tal-MEPA li hija awtorita' pubblika kif titlob il-ligi meta ddikjara li hu kien l-uniku sid tas-sit a bazi ta' liema saret l-applikazzjoni relattiva. Ma kellu qatt ghalfejn jaghmel dikjarazzjonji falza u ma kienx ser jitlef assolutament xejn billi jiddikajara li filfatt kien hemm sidien ohrajn li seta' jindika f'din l-applikazzjoni. Madankollu hekk hass li kellu jaghmel u tenut kont ukoll tad-dicitura tat-tielet akkuza li teskludi l-htiega li tigi ppruvata l-intenzjoni kriminali, indubjament l-ewwel Qorti kellha ssib htija fir-rigward tat-tielet akkuza.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza u tenut kont tax-xjenza tal-appellat meta ddikjara li hu kien is-sid tal-bejt kolu meta filfatt ma kienx, fi kliem l-appellat stess hu fittex japplika bil-hsieb li hu u l-inkwilini jiffarnkaw mit-tariffi tal-MEPA li kienu ser jizdiedu fil-futur qarib in relazzjoni maz-zmien mertu tal-kkuzi, u ksindi evidentement sabiex jakkwista vantagg ghalih jew ghal-haddiehor. Di piu wiehed ma jistax ma jsemmix il-fatt li b'tali miljoramenti il-fond kien ser jizdied fil-valur tieghu u fl-eventwalita' ta' bejgh o meno l-appellat seta' jibbenefika minn tali binj. Kwindi l-elementi kollha rikjesti ai fini tat-tieni akuzza jissussistu u gew ippruvati u b'hekk kellu instab hati anki tat-tieni akkuza migjuba kontrih.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali hassu aggravat mid-decizjoni impunjata billi dehrlu illi l-apprezzament maghmul tal-atti probatorji kellu iwassal lill-Ewwel Qorti tasal ghal

sejbien ta' htija ghat-tieni u it-tielet akkuzi kif dedotti kontra l-appellat. Premess dan huwa evidenti illi dak li qed tigi imsejjha biex taghmel dina l-qorti ta' revizjoni huwa li tissindika dik id-diskrezzjoni fdata lill-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni li hija ghandha taghmel tal-provi. Qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' ittenni illi tali diskrezzjoni ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista' jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna/i akkuzata/i. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni.

Issa l-gravam ewlieni ta'l-Avukat Generali jinsab fil-fatt illi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti malament wasslet ghal konkluzjoni illi l-kwerelanti u cioe' is-sinjuri Camilleri kien taw il-kunsens tacitu taghhom sabiex l-appellat jipprezenta applikazzjoni ghall-izvilupp mal-Awtorita Dwar l-Ippjanar (MEPA) sabiex jinbnew zewg sular fuq l-blokk ta'l-appartamenti li tieghu huma kienu is-sidien ta' parti mill-arja sovrastanti. Dan ifisser allura, fil-fehma ta'l-Avukat Generali, illi id-dikjarazzjoni maghmula mill-appellat fuq l-applikazzjoni ghall-izvilupp fejn huwa ighid illi huwa s-sid uniku tal-proprjeta li ser tigi zviluppata hija dikjarazzjoni falza. Fuq kollox jishaq illi l-appellat stess ma jichadx illi ghamel din id-dikjarazzjoni fuq l-applikazzjoni. Il-kwerelanti oggezzjonaw mal-Awtorita dwar din id-dikjarazzjoni u fil-fatt ressqulhom il-kuntratti relattivi li kienu jindikaw il-kontra, izda jidher illi kjarifikat dan il-punt huma xortawahda xtaqu illi l-applikazzjoni tkompli tigi ipprocessata. Dan il-fatt fil-fehma ta'l-Avukat Generali jindika illi il-kunsens tacitu tal-kwerelanti sabiex l-appellat japplika ghal permezz ta'l-izvilupp ma kienx jezisti.

Issa l-ewwel akkuza li qed tigi addebitata lill-appellat titkellem dwar ir-reat tal-falsifikazzjoni kif ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrendi hati ta' dan ir-reat kull min xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza lill-awtorita pubblika u dan bil-ghan li jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor. Dan ifisser illi ma huwiex bizzejjed sabiex tigi stabbilita ir-reita' li jigi ippruvat l-att materjal u cioe' illi saret id-dikjarazzjoni mertu tal-kaz, izda ukoll l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-*mens rea*, l-element formali u

cioe' illi kien hemm l-intenzjoni kriminuza ta'l-persuna akkuzata illi taghmel dik id-dikjarzzzjoni bil-ghan uniku li tikseb xi vantagg ghaliha jew ghal haddiehor u allura x-xjenza illi issir tali dikjarazzjoni allegatament falza. Dak allura li kellha tindaga l-Ewwel Qorti ma kienx daqstant il-fatt materjali illi saret id-dikjarazzjoni inkriminatorja izda fuq kollox jekk in bazi tal-provi li kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li tali dikjarazzjoni saret bl-intenzjoni kriminuza sabiex l-akkuzat jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih.

Issa mill-provi akwiziti mill-Ewwel Qorti ma jistax jinghad illi tali intenzjoni kriminuza giet ippruvata u dan ghaliex johrog car illi l-ghan ta'l-appellat illi iressaq l-applikazzjoni ghall-izvilupp ma kienx certament illi huwa jikseb xi beneficcju jew vantagg a detriment tal-ko-proprjetarji l-ohra, tant illi wiehed minnhom kien tah *carte blanche* biex jaghmel dak kollu mehtieg sabiex tigi esplorata l-possibilita illi isir l-izvilupp kif miftiehem bejn is-sidien kollha tal-arja. Illi ghalkemm il-kwerelanti ighidu illi dan il-kunsens huma ma tawhx lill-appellanti madanakollu ma hemmx dubbju illi huma tawh il-mandat sabiex jindaga u jara x'jista' isir in konnessjoni mal-possibilita illi isir l-izvilupp tal-proprjeta taghhom. Tant hu hekk illi hekk kif huma irrettifikaw id-difett li kien hemm fl-applikazzjoni meta huma wrew lill-Awtorita l-interess taghhom f'tali applikazzjoni, ghaddew biex imbaghad taw il-kunsens taghhom sabiex l-applikazzjoni tkompli tigi ipprocessata. Kwindi ghandu ikun indubitat illi l-intenzjoni ta'l-appellat kien wiehed u cioe' illi huwa jiehu hsieb sabiex isir l-process mehtieg fl-interess ta' kulhadd, inkluz allura tieghu ukoll, sabiex jinkiseb il-permess ghall-izvilupp u mhux illi huwa jikseb xi vantagg ghad-detriment tas-sidien l-ohra. Tant hu hekk illi jidher illi l-appellat ressaq l-applikazzjoni mill-iktar fis billi kienu ser joghlew it-tariffi minn naha ta'l-Awtorita ghal hrug tal-permessi ta'l-izvilupp u allura huwa hass illi dan seta' kien ta' beneficcju ghal kulhadd. Il-fatt illi l-applikazzjoni gietipprezentata f'ismu biss fejn huwa indika li huwa is-sid uniku tas-sit li kien ser jigi zvilppuat ma kienx ser iwassal sabiex l-appellat jikseb xi beneficcju ghaliex li kieku l-applikazzjoni giet ipprezentata minnu b'mod illi kien jigi indikat illi huwa kien ko-proprjetarju ma' sidien ohra, ma kienx ser ikun hemm xi ezitu differenti minn naha ta'l-Awtorita – ghall-inqas prova f'dan

ir-rigward ma tezistiex. Maghmula ghalhekk dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tarax illi hemm xi mottiv li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u ghalhekk dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellat gie mixli ukoll bil-ksur ta'l-artikolu 94(1) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex fil-fehma tal-Prosekuzzjoni u anke ta'l-appellanti Avukat Generali hemm ksur ta' din id-disposizzjoni tal-ligi billi l-appellat ghamel "dikjarazzjoni għal xi għan ta' dan l-Att li tkun falza, qarrieqa jew mhux korretta **f'xi aspett importanti".** (sottolinjar tal-Qorti), reat li ma jenhtiegx l-element formali u cioe' l-intenzjoni kriminuza mehtiega ghar-reat tal-falsifikazzjoni.

Issa ghalkemm huwa minnu illi l-appellat iddikjara illi huwa is-sid uniku tas-sit li kien ser jigi zvillupat meta fil-fatt kien biss ko-proprjetarju u ghalkemm huwa ma ipprezentax ghalhekk id-dokumentazzjoni mehtiega li turi illi kien hemm sidien ohra, madanakollu tali dikjarazzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti ma kenitx tirrigwarda xi "aspett importanti" kif trid il-ligi. Dan qed jinghad ghaliex skond l-artikolu 68(3) min japplika għal permess għall-iżvilupp għandu jiċċertifika lill-Awtorità:

(a) li huwa s-sid tal-art jew li avża lis-sid bl-intenzjoni li japplika b'ittra reġistrata li l-Awtorità tkun irċeviet kopja u li s-sid ikun ta l-kunsens tiegħu għal dik il-proposta; jew

(b) li huwa awtorizzat li jagħmel dak ix-xogħol propost permezz ta' xi liġi oħra jew ftehim mas-sid.

Dan necessarjament ifisser illi l-Awtorita qatt ma tistrieh unikament fuq id-dikjarazzjoni hekk maghmula fl-applikazzjoni u dan ghaliex tezigi illi l-applikant iressaq id-dokumenti in sostenn ta' tali dikjarazzjoni. Kwindi allura ma tistax tirrizulta ir-reita ghat-tielet akkuza maghmula bis-sahha ta'l-artikolu hawn fuq iccitat u dan ghaliex gjaldarba l-applikant irid iressaq provi dwar dik il-parti tad-dikjarazzjoni tieghu allura dan ifisser illi l-hrug tal-permess ghall-izvilupp ma jiddepdeniex minn tali dikjarazzjoni wahedha u allura jonqos l-element indikat fil-ligi u cioe' il-materjalita' ta' dak falzament iddikjarat ai fini tal-hrug tal-permess.

Tant hu hekk illi s-sub-inciz (4) imbaghad jaghti il-jedd lil "kull persuna li tiddikjara interess f'xi żvilupp u, abbażi ta' raġunijiet li jkunu rilevanti għall-ippjanar, tagħmel ilmenti dwar dak l-iżvilupp.

Fil-fatt hekk sehh f'dan il-kaz meta l-kwerelanti ressqu l-ilment taghhom abbazi ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, liema ilment gie mismugh mill-Awtorita' fejn huma imbaghad wrew l-intenzjoni taghhom illi l-ipprocessar ta'l-applikazzjoni tibqa' ghaddejja. Kwindi anke dan l-ilment ta'l-Avukat Generali qed jigi rigettat.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Edwina Grima

Imhallef